# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 57

**08 ta' Ġunju, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fl-4.00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 57.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**57.1.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**57.2.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Eugenio Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Frank Roe issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 57.3 Approvazzjoni tal-*Management Letter* tat-2016.

**57.3.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*Management Letter* li rċieva l-Kunsill mingħand in-*National Audit Office*. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-*Management Letter* hija pożittiva.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier F Roe u ssekondata mill-Kunsilliera L Cachia Castelletti, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament

### 57.4 Approvazzjoni tar- *Reply to Management Letter* tat-2016.

**57.4.1** Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

### 57.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Accounts.*

**57.5.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*Quarterly accounts* tal-ewwel kwart tas-sena 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li kien hemm *surplus*.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier R Portelli u ssekondata mill-Kunsillier E Muscat, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 57.6 Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv

**57.6.1** Is-Sindku Max Zammit innota li s-Segretarju Eżekuttiv għaddielu informazzjoni li l-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex m’għandux deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel li din l-materja għandha tiġi diskussa iktar l-quddiem.

## 57.7 *Bad Debts*

**57.7.1** Is-Sindku Max Zammit innota li s-Segretarju Eżekuttiv innota li kemm l-*accountants* tal-Kunsill, l-avukat, kif ukoll l-awdituri qegħdin jinnutaw li hemm ammonti li huma dovuti lill-Kunsill li dawn għandhom jiġu klassifikati bħala *Bad Debts* peress li l-liġi ma tippermettiex li dawn l-ammonti jinġabru minħabba li huma preskritti avolja kienu jintbagħtu *invoices* kull xahar. Dawn l-ammonti jinkludu:

| *Debtors* | *Amount EUR* |
|---|---:|
| Metropolis | 40,896 |
| Blue Harbour Developments | 27,083 |
| Alfred Spiteri | 3,958 |
| Ian Zammit Testaferrata | 1,192 |
| L.Baldacchino | 1,121 |
| Total | 74, 250 |

**57.7.2** Il-Kunsill innota wkoll dokument li juri li l-Avukat preċedenti tal-Kunsill, Dr. Raphael Fenech Adami, kien mgħoddi pagament biex ikunu jistgħu jinfetħu l-kawżi. Is-Segretarju Eżekuttiv innota li l-avukat infurmah li l-kunsill ma għandux kawżi pendenti u għaldaqstant dawn il-kawżi ma ġewx miftuħin.

Il-Kunsill qabel li ghandna niċċekjaw jekk l-avukat Dr. Raphael Fenech Adami għandux *professional indemnity insurance* biex naraw nistgħux niġu kkompensati jekk dawn il-kawżi ma nfetħux.

## 57.8 Ġbir ta’ borża sewda

**57.8.1** Is-Sindku Max Zammit innota li fuq talba ġenerali tar-residenti ġewwa Ta’ Xbiex qiegħed jipproponi li ssir ġabra oħra ta’ borża sewda. Huwa qal li l-introduzzjoni ta’ ġbir ta’ borża sewda oħra tnaqqas ħafna mil-abbuż li qiegħed isir peress li qiegħed ikun hemm numru sostanzjali ta’ boroż suwed it-Tnejn. Huwa innota wkoll li l-introduzzjoni ta’ borża sewda mhux ħa tkun ta’ piż fuq il-finanzi tal-kunsill peress li huwa innegozja mad-dipartiment tal-gvern lokali u din ħa tiġi iffinanzjata mid-dipartiment. Is-Sindku Max Zammit ippropona l-iskeda segwenti:

Monday - sewda *extra* u *organic*
Tuesday – griża
Wed – *organic* u sewda

Ħamis - *organic extra*
Ġimgħa - *organic*
Sibt - sewda

Il-kunsillier E Muscat innota li hu ma jaqbilx mad-dħul ta' ġabra ta' borża sewda oħra. Huwa nnota li din mhux l-istrateġija li qiegħed jaddotta l-Gvern preżenti peress li dan għandu pjan li jeqridha għal kollox. Huwa nnota li hu jaqbel iktar jekk dawn il-fondi jiġu użati biex issir iktar infurzar tal-liġi. Is-Sindku Max Zammit wieġeb li fid-diskussjonijiet mad-dipartiment tal-gvern lokali huwa ddiskuta ukoll il-possibilita' li l-kunsill jirċievi għajnuna biex jiġu installati *cameras* ġewwa Ta' Xbiex. Huwa nnota li d-dipartiment tal-gvern lokali ħa jkun qiegħed jiffinanzja tlett *cameras* ġewwa Ta' Xbiex biex ikun jista jsir iktar infurzar.

Il-Kunsilliera L Cachia Castelletti innutat li hi ma taqbilx ma l-introduzzjoni ta' borża sewda oħra sakemm din ma tkunx ikkumpensata bil-ġbir ta' borża oħra ta' skart organiku.

Il-Kunsillieri F Roe u R Portelli qablu mal-proposta tas-sindku li jkun hemm introduzzjoni ta' ġbir ta' borża sewda kull nhar ta' Tnejn.

Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu mal-*wasteserv* il-possibilta' li jżidulna ġbir ta' borża ta' skart organiku kull nhar ta' Ħamis.

## 57.9 Kuntratt ma Green MT

**57.9.1** Is-Sindku Max Zammit innota li Green MT innotifikaw lill-Kunsill li mill-ewwel ta' Lulju, il-borża l-griża ħa tibda tinġabar it-Tlieta biss. Dan minħabba li qalu li din m'għadiex sostenibbli. Is-Sindku nnota wkoll li l-kuntratt skada u għaldaqstant hemm bżonn li noħorġu l-*expression of interest* biex naraw x'lesti joffru ż-żewġ kumpaniji primarji li jaħdmu f'dan is-settur.

Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu l-*expression of interest* malajr kemm jista jkun.

## 57.10 *Traffic Management* fi Triq l-Imradd

**57.10.1** Il-Kunsill Lokali ma qabilx mal-proposti ta' *Transport Malta* fir-rigward ta' Triq l-Imradd għax dawn naqqsu mil-parkeġġ ġewwa Ta' Xbiex u għaldaqstant il-Kunsill ma jaqbilx magħhom.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-immaniġjar tat-traffiku ġewwa Ta' Xbiex għandu jibqa kif inhu.

## 57.11 Kors tar-*Robotica*

**57.11.1** Is-Sindku Max Zammit innota li l-kunsill qiegħed jara x'interess hemm fil-kors tar-*Robotica*, il-kors il-ġdid tat-*TCTC.*

## 57.12 Jum Ta' Xbiex

**57.12.1** Il-Kunsill qabel li Jum Ta' Xbiex għandu jsir fil-21 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ukoll inqassmu karti fejn fihom ir-residenti jistgħu jinnominaw nies biex jingħataw ġieħ Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 57.13 Inizjattiva Finanzjarja - *Local Government Culture Fund*

**57.13.1** Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu dan il-fond aktar il-quddiem.

## 57.14 Inizjattiva Finanzjarja - *Local Government Community Innovation Fund*

**57.14.1** Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu dan il-fond aktar il-quddiem.

## 57.15 Il-Monument ta' l-Anġlu

**57.15.1** Is-Sindku Max Zammit innota li l-kunsill għadu qiegħed jinvestiga l-aħjar mod biex inġibu l-*Guardian Angel* ġewwa Ta' Xbiex.

## 57.16 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**57.16.1** Is-Sindku Max Zammit innota li għandna ukoll naraw x'possibilitajiet hemm li nerġu norganizzaw Festa Rizzi. Hu ippropona li din l-attivita' issir f'Awwissu.

Hu kompla jgħid li għandna noħorġu *expression of interest*.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jiġu avviċinati xi ħwienet tal-ħut biex naraw jekk humiex interessati li joħduha f'idejhom.

**57.16.2** Is-Sindku Max Zammit innota li l-Kunsill xtara numru ta' tifkiriet biex ikun jista jgħin lil Ta' Xbiex FC fl-attivitajiet li jorganizza.

Il-Kunsill qabel ma din l-ispiża.

## 57.17 Rapporti mill-Kunsilliera

**57.17.1** Il-Kunsillier E Muscat ippropona li għandna naraw x'nistgħu nagħmlu biex issir reviżjoni tal-*IT system* fil-Kunsill peress li fil-*customer care* hemm ħafna *wires* li huma ta' periklu u li jistgħu jikkawżaw *accident*.

Il-Kunsil qabel li għandna nibdew niġbru informazzjoni dwar x'hemm bżonn isir u l-ispiża x' tinvolvi.

**57.17.2** Il-Kunsillier F Roe innota li għandna niddiskuti reviżjoni fil-konfini ta' Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lil Ministru responsabli biex jiġu diskussi dawn ir-reviżjonijiet.

## 57.18 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 22 ta' Ġunju, 2017 fi 3.00 ta' filgħaxija.

**57.18.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum il-Ħamis 22 ta' Ġunju, 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |